MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1569/2002

***Carmelo Cauchi***
***vs***
***Maria Abela***

***It-Tribunal,***

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur s-somma ta' disa' mija u sebgha u disghin liri Maltin (Lm997) rappresentanti multi imposti fuq l-attur mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, konsegwenza ta' nuqqas da parti tal-konvenuta illi tezegwixxi x-xoghol taghha kif inkarigata mill-attur skond kif tirrikjedi s-sengha u l-arti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Roberto Montalto ghan-nom ta' l-attur, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' disa mija u sebgha u disghin liri Maltin (Lm997).

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**